KunAf

# ĠESÙ JILTAQA' MAGĦNA

Għid 3

**Ġesù jiltaqa' ma' żewġt iħbieb tiegħu**

Lq 24:13-35

Żewġ dixxipli ta' Ġesù fi triqthom lejn Emmaus, kienu qegħdin jitkellmu bejniethom fuq dak li għadda minnu Ġesù.

X'kienu qegħdin jgħidu? ______________________________

Għaliex kienu nkwetati? ______________________________

X'ħin iltaqgħu mar-raġel, (li ma kinux jafu li kien Ġesù), x'qalilhom? ______________________________

Kif għarfu li kien Ġesù? ______________________________

Min jispjegalek u jgħinek tifhem l-affarijiet li tiltaqa' magħhom? ______________________________



Min jurik u jgħinek tagħraf id-dmirijiet tiegħek? ______________________________

Min huma n-nies li jgħallmuk u jkellmuk fuq Ġesù? ______________________________

Illum min jgħinek tikber fil-ħbiberija ma' Ġesù? ______________________________

Id-dixxipli sejrin Emmaus kienu mdejqin, iddispjaċuti għax ma kinux jafu x'kien ġralu Ġesù. Ħasbu li kien insiehom u ħallieħom waħedhom. Imma mingħajr ma kienu jafu, Ġesù mexa' magħhom. Ġesù qiegħed magħna wkoll fid-dwejjaq tagħna, fil-weġgħat u meta ma nifhmux, Ġesù jkun magħna biex jgħinna.



*Aħna wkoll nixbhu lid-dixxipli ta' Emmaus.*

*Niltaqgħu ma' affarijiet ħżiena li jweġġgħuna u li ma nifhmux:*

- *Tmut persuna li nkunu nħabbejna ħafna.*
- *Xi ħadd mill-ġenituri jagħmel operazzjoni diffiċli u għalhekk jagħmel ħafna żmien l-isptar.*
- *Il-ġenituri ma jibqgħux jgħixu flimkien.*
- *Tibdel l-iskola u għalhekk ma tibqax tiltaqa' mal-ħbieb.*

*Mhux dejjem inkunu nistgħu nifhmu dawn il-ġrajjiet li jweġġgħuna u xi drabi nibku wkoll.*

## ikteb talba...

Itlob lil Ġesù jgħin lit-tfal li huma għaddejjin minn diffikultajiet.

______________________________

______________________________

______________________________